MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 809/2010

Ian **Zammit u Jacqueline Zammit fil-kwalita' ta' kuraturi *ad litem* ta' binhom minu Jean-Marc u b'nota tad-29 ta' Mejju 2013 (fol. 126) Jean-Marc Zammit assuma l-atti tal-kawza peress li sar maggorenni**

**Vs**

**Middle Sea Insurance plc**

Il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh fis-6 ta' Settembru 2008 meta l-attur kien passiggier go vettura misjuqa minn John Agius li kienet involuta f'incident tat-traffiku. Il-vettura kienet assigurata mal-kumpannija konvenuta. Fl-incident ix-xufier kien tilef hajtu filwaqt li l-attur sofra debilita permanenti. Ippremetta li l-konvenuta m'hijiex tikkontesta r-responsabbilta' in kwantu accettat li l-assigurat taghha kien jahti ghall-incident, pero' ma kienx hemm ftehim dwar il-hlas li kellu jsir lill-attur. Ghalhekk l-attur talab dikjarazzjoni li l-konvenuta hi responsabbli thallas id-danni; jigu likwidati d-danni u l-konvenuta tigi kkundannata thallas id-danni.

Il-konvenuta wiegbet li:-

1. Iz-zewg genituri kellhom jifthu l-kawza[1].
2. M'hemmx kontestazzjoni dwar responsabbilta'.
3. Il-pretensjoni ghad-danni hi ezagerata u ma tirriflettix il-griehi li sofra l-attur. L-attur irid jaghti prova li ghandu debilita' permanenti fis-sens ta' l-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili.

[1] Eccezzjoni li hi ezawrita la darba saret korrezzjoni u f'kull kaz Jean-Marc Zammit assuma l-atti wara li sar maggorenni.

4. L-attur irid igib prova tad-danni li sofra partikolarment li sofra debilita' fis-sens tal-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili.
5. L-attur ghandu jbati l-ispejjez tal-kawza.

**Rikors tat-22 ta' Jannar 2013 (fol. 106)**.

Fit-22 ta' Jannar 2013 l-attur ipprezenta rikors u talab lill-qorti sabiex jigu sfilzati d-dokumenti annessi mal-affidavit ta' Patrick Muscat kif ukoll dawk il-partijiet tal-affidavit li huma opinjonijiet.
Il-qorti tichad it-talba in kwantu:-

i. ma tarax li dak li f'dak li qal Peter Muscat hemm opinjonijiet.
ii. b'riferenza ghall-emails skambjati bejn id-difensur u l-attur, hu minnu li m'hemm xejn fil-ligi li jipprovdi li komunikazzjoni simili hi inammissibbli. Madankollu peress li fl-emails mibghuta mid-difensur tal-attur hu car li l-offerti kienu qeghdin isiru bla pregudizzju, ifisser li ma fihom l-ebda rabta ghal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Ghalhekk il-qorti tikkonkludi li dak l-iskambju ta' emails ma jistghux jippregudikaw lill-attur. F'kull kaz min-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur jirrizulta bl-iktar mod car x'ammont qieghed jippretendi bhala hlas.

**Meritu**.

Il-qorti tibda biex tosserva li dan il-kamp ghadu sal-lum, mill-aspett legislattiv, ma giex regolat. Dan iwassal ghal element ta' incertezza fejn hu mehtieg li l-qorti tezercita element ta' diskrezzjoni. Kif gie osservat fis-sentenza **Louis Vincenti nomine et vs Carmelo Micallef**, 17 ta' Gunju 1961 (Volum XLV.ii.680):-

*"Perfezzjoni aritmetika jew pjena u kompleta ad unguem fil-kumpens ma tistax tigi pretiza, imma tista' tinghata dik biss li l-Inglizi jsejhu fair and reasonable compensation derivanti mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li umanament hija possibbli."*.

Inoltre, mill-atti m'huwiex car jekk id-debilita' permanenti li ghandu l-attur hijiex ser teffetwa l-kapacita' lavorattiva tal-attur, ghalkemm l-indikazzjoni hi li tista' minhabba l-kundizzjoni li qieghed ibati minnha. Madankollu jidher li llum gie stabbilit li l-vittma ghandha jedd titlob ghall-kumpens ghall-injury li tkun sofriet irrispettivament jekk fir-realta' jkollix effett fuq il-qliegh futur taghha[2]. F'kull kaz mill-affidavit ta' Patrick Muscat hu evidenti li l-konvenuta taccetta li l-attur ghandu jigi kkumpensat, tant li qal: *"..... spiccajna l-Qorti biss minhabba pretensjoni ghad-danni ghal kollox ezagerata li ghamel l-attur, liema pretensjoni ma tirrispekjax id-danni attwalment sofferti minn Jean Marc Zammit f'dan l-incident."*.

**Multiplier**.

L-attur twieled fit-22 ta' April 1994 (fol. 127). Ghalhekk fid-data tal-incident kellu 14 il-sena. M'hemmx dubju li l-aspettativa ta' hajja ta' xoghol utli illum tmur lil hin mill-

[2] F'dan il-kuntest ara s-sentenza **Angela Bugeja vs Dominic Formosa** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri [Magistrat J. Demicoli] u l-gurisprudenza citata.

eta pensjonabbli. Min-naha l-ohra pero' hemm element ta' incertezza peress li l-qorti qeghda taghmel kalkoli ghall-futur, meta hadd hadd ma jaf x'ser jigri. Il-qorti trid ghalhekk tipprovdi wkoll ghall-imprevist li l-attur ma jibqax jahdem sal-eta' pensjonabbli. Wiehed jista' seranament ighid li l-hajja lavorattiva shiha ta' persuna li ghandha l-eta' tal-attur tasal sa 65 sena. Ifisser li fid-data tal-incident kien hemm 47 sena ohra, jekk wiehed jikkunsidra li l-attur kellu jahdem ta' 18 il-sena. Pero' rrizulta li sal-lum l-attur m'huwiex jahdem.

Fis-sentenza **Antoinette Farrugia proprio et nomine vs Nicholas Farrugia**, 28 ta' Frar 2014, il-Qorti tal-Appell osservat:

*"Meta tipproggetta ghall-futur tkun dhalt fl-incert. Il-figura tal-multiplier ghandha tigi applikata b'ghaqal biex jigi stabbilit bilanc bejn id-dritt tal-parti lesa u l-obbligu ta' min ikun responsabbli ghall-hsara. Ma ghandhiex twassal sal-eta` tal-irtirar ghax f'dan il-kamp ma hemmx xi certezza dwar ghexieren ta' snin futuri."*.

Meqjusa dawn ic-cirkostanzi u kkunsidrat ukoll ic-*chances* u *changes* tal-hajja, il-qorti tikkonkludi li l-multiplier ghandu jkun ta' 35 sena, u dan konfromi mal-gurisprudenza ricent li ghamlet riferenza ghaliha l-kumpannija konvenuta.

**Dhul**.

L-attur qieghed jippretendi li l-kalkoli jsiru fuq dhul ta' €45,000 fis-sena. Il-qorti tosserva li l-attur xehed li qieghed jistudja *international business* (fol. 134A) u m'ghandux impjieg. M'hemmx iktar dettalji dwar l-istudji li qieghed isegwi l-attur. M'hemm l-ebda garanzija li l-attur ser ikollu paga ta' €45,000 fuq medda ta' 35 sena, li certament li f'Malta hi paga gholja. 'Il fatt li l-attur qieghed jistudja f'livell terzjarju m'huwiex xi garanzija li f'xi zmien fil-vicin ser ikollu dak it-tip ta' salarju. Anzi l-qorti tasal biex tghid li ghal dak it-tip ta' salarju jrid jahdem u jistinka ghal mhux ftit snin jekk behsiebu jaghmel karriera f'Malta. M'hemm xejn x'jindika li ladarba jlesti mill-istudji ser ikollu qliegh ta' €45,000 fis-sena. Anzi l-qorti tikkonkludi li dan hu ferm improbabbli. Il-qorti tosserva wkoll li diga' ghaddew 5 snin mid-data tal-incident u jidher li sal-lum l-attur ghadu m'huwiex jahdem. F'dan l-istat ta' incertezza l-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq dhul ta' **€20,000 fis-sena**. Ghalkemm sal-lum l-attur ghad m'ghandux impjieg peress li ghadu qieghed jistudja, dan il-fattur m'ghandux jippregudikah billi per ezempju l-kalkoli jsiru fuq il-paga minima. Meqjus li kompla jistudja f'livell terzarjarju, fuq bazi ta' probabilita' hu mistenni li jsib impjieg u fil-futur qarib jibda jara l-frott tad-decizjoni li ha li ma jwaqqafx l-istudji fil-livell sekondarju.

**Debilita' permanenti**.

Fil-kors tas-smiegh tal-provi nghataw rati ta' debilita' differenti. Il-kumpannija kienet talbet il-hatra ta' periti addizjonali. F'rapport li pprezentaw fit-30 ta' Novembru 2012, il-periti addizzjonali medici[3] irrelataw li:

[3] Fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2013 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li *"…. biex ma jdumux aktar ir-rapport jitqies bhala validu ghall-finijiet kollha."* (fol. 113).

i. L-attur qieghed ibati minn narcolepsy u cataplexy, bi grad ta' debilita' ta' 5%. Il-qorti fehemet li dawn huma kundizzjonijiet li jeffetwa l-irqad;
ii. L-attur ghandu sfregju f'wiccu bi grad ta' debilita' ta' 6%. L-ewwel perit mediku kien irrelata li *"Nikkonsidra li dan l-isfregju u l-konsegwenzi psikologici tieghu jammontaw ghal dizabilita permanenti ta' 2%"* (fol. 68)[4].

Wara li l-qorti rat ukoll ir-ritratti li hemm fl-atti fejn jidher wicc l-attur hi tal-fehm li d-debilita permanenti ghandha tkun ta' **8%**. Il-qorti rrevdiet ir-rata ta' debilita' meqjus dak li rrelataw il-periti medici dwar l-isfregju u r-ritratti li hemm fil-process.

***Lump sum payment***.

L-attur ipprezenta l-kawza fil-11 ta' Awissu 2010. Meqjus li l-attur ser ikun qieghed jircievi hlas f'daqqa minflok fuq medda ta' 35 sena kif ukoll li mid-data meta ppropona l-kawza ghaddew tlett snin u nofs, il-qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm riduzzjoni ta' **15%**. Konkluzjoni li l-qorti waslet ghaliha wara li qieset ukoll dak li nghad fis-sentenza **Mark Caruana vs Grazio sive Horace Camilleri**[5] tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1993 u l-insenjament ta' liema baqa' jigi segwit matul is-snin.

**Likwidazzjoni**.

€20,000 x 35 sena = €700,000 x 8% = €56,000 – 15% = **€47,600**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi ghar-ragunijiet moghtija hawn fuq, tilqa' t-talbiet tal-attur u tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' sebgha u erbghin elf u sitt mitt ewro (€47,600), bl-imghax mil-lum[6]. Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs gialadarba hu evidenti li l-hlas li ppretenda l-attur kien ezagerat[7]. Min-naha l-ohra ma jirrizultax li l-konvenuta ghamlet offerta li thallas somma flus li fil-fehma taghha kienet gustifikata fic-cirkostanzi tal-kaz u llimitat ruhha sabiex tghid li l-ammont pretiz kien ezagerat[8]. Spejjez tar-rapport mediku addizzjonali a karigu tal-kumpannija konvenuta.**

---

[4] L-ewwel perit mediku kien irrelata wkoll il l-attur kellu debilita' permanenti fis-sistema nervuza u kkonkluda li l-attur kellu debilita' ta' 6% b'rizultat ta' post-concussion syndrome. Ghalhekk skond l-ewwel perit mediku l-attur qieghed ibati minn dizabilita' permanenti ta' 8%.
[5] Imhallef J. Said Pullicino.
[6] *In illiquidis non fit mora*. Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell, **Tania Vassallo vs Anna Rita Camilleri et**, 31 ta' Jannar 2014.
[7] Ara nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta l-attur.
[8] Ghalkemm Patrick Muscat xehed li l-pretensjoni tal-attur kienet ezagerata u *"…. ma narax ghalfejn ma kellniex nilhqu settlement gialadarba ma konniex qed nikkontestaw it-tort"* (fol. 103) ma jirrizultax li l-konvenuta ghamlet xi offerta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------